MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2010

Avviz Numru. 319/2008

**Anthony Montebello**

**Vs**

**Raphael Buttigieg**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta'Anthony Montebello pprezentat nhar it-tnejn w ghoxrin ta' Settembru 2008, fejn talab " *lil din il-Qorti tikkundanna lil Raphael Buttigieg ihallsu s-somma komplessiva ta' hamest elef, tmien mija w tlieta w ghoxrin Ewro w tlieta w erbghin centezmu (€5823.43) rapprezentanti l-prezz bilancjali ghall-vettura tal-marka Pajero bin-numru ta' registrazzjoni FBN 078, fl-istat li din kienet tinsab dakinhar tal-bejgh, u lilu mibjugha w konsenjata, kif ukoll ihallsu l-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Settembru 2007 sal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Settembru 2007 u tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud in konnessjoni mad-drittijiet professjonali fuq dawn il-proceduri.*
*Il-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni."*

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, ipprezentata nhar it-tlettax ta' Novembru, 2008 fejn eccepixxa:

*Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhuwiex minnu li l-Pajero msemmija mill-attur qatt inbieghet lill-esponent kif anke jirrizulta mill-ittra legali datat 29 ta' Novembru 2007 mibghuta lill-istess attur.*

*Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

Rat li l-konvenut ried jipprevalixxi ruhu minn din l-istanza sabiex jirrikonvjeni lill-istess attur sabiex dan jigi kkundannat li jirrifondi lill-konvenut is-somma ta' erbat elef sitt mija w tmienja w hamsin Ewro u hamsa w sebghin centezmu (€4658.75) rapprezentanti somma mislufa brevi manu lill-attur bl-obbligu ta' rifuzjoni fl-eventwalita' li ma jsehhx il-bejgh tal-Pajero fuq imsemmija.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja datata 29 ta' Novembru 2007 u bl-imghax legali mill-prezentata tal-kontro-talba sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ukoll in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenut ghall-kontro-talba tal-konvenut, fejn espona s-segwenti:

*Illi l-pretensjonijiet tal-konvenut rikonvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-eccipjent biegh il-Pajero in kwistjoni bhala wreckage ghall-parts u bil-log book iffirmat minnu regolarment, u dana kif ser ikun pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*Illi l-pagament fl-ammont ta' erbat elef, sitt mija u tmienja u hamsin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€4658.75) kien pagament akkont tal-prezz u mhux self brevi manu kif*

*qieghed jigi allegat. Anzi l-konvenut rikonvenut hallas ukoll lill-attur rikonvenut b'kemm jiswew hames mitt Lira (Lm500) valur f'konkos u dan ukoll akkont tal-imsemmi prezz.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat in-nota tal-attur tat-tlieta w ghoxrin ta' Marzu 2009 li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu u ta' William Grech bin-notifika lil kontroparti skond il-Ligi ( a fol. 12 et seq).

Fl-affidavit tieghu l-attur **Anthony Montebello** jghid li huwa kellu Pajero bin-numru ta' registrazzjoni FBN 078 li kien xtrah gdid fis-sena 2001, pero' fl-2005 kellu incident bih u kien gie dikjarat "beyond economical repair". Dwar dan kellu arbitragg ma' tal-insurance fejn kien gie deciz li kellu jithallas il-valur tal-ispejjez li kien fih u jiehu wkoll l-interessi u r-wreckage. Iddecieda li jbiegh dan ir-wreckage li kien garaxxjat mal-ADT mill-eghluq tal-licenzja fis-sena tal-incident. Jghid li dak iz-zmien hu u l-konvenut kienu jiltaqghu spiss u darba kien qallu li kien bi hsiebu jbiegh il-Pajero imma l-attur qallu li ried izommu hu biex jehodlu l-magna u x-chassis number sabiex imbaghad jimporta Pajero iehor mill-Ingilterra u jpoggi l-magna tar-wreckage u c- chassis number fuqu. Allura jghid li l-intenzjoni tal-konvenut kienet li jimporta Pajero pero bi ftit flus u wara li jsiru l-modifiki fuqu kellu jiffranka r-registration tax u l-permessi sabiex jinfetah bil-hgieg, cioe' xi tmint elef Lira Maltin (Lm8000).

Semma li f'okkazjoni minnhom il-konvenut kien urieh magazine Ingliz li kien fih riklam ta' Pajero ghall-bejgh bil-prezz ta' sitt mitt Lira Sterlina (£600). Qal li meta ftehmu li l-konvenut izomm ir-wreckage ftehmu wkoll dwar il-prezz ta' hamest elef Lira Maltin (Lm5000), u malli ftehmu il-konvenut kien hallas parti mill-prezz billi fi tliet okkazjonijiet kien tah konsenja ta' konkos mill-impjant Rockcut Limited li fiha huwa nvolut. Jghid li l-valur tal-konkos kien ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500) u bi ftehim mal-konvenut dan il-konkos kien gie pacut ma' parti mis-somma tar-wreckage. Minkejja dan il-pagament pero',

jghid li l-konvenut kien halla r-wreckage ghandu sakemm jiddeciedi x'ha jaghmel bih. Izid li l-konvenut kien avvicina wkoll lil certu William Grech li kien jahdem bhala panel beater u anke lil Frank Tonna ta' Frankkit Garage, sabiex jixtri l-parts tal-Pajero wzati jew imitation biex jipprova jirranga l-Pajero lokalment.

Ix-xhud ikompli jghid li wara xi zmien kellu bzonn jisbarazza l-garage u ghalhekk talab lill-konvenut biex jiehu r-wreckage, u xi jiem wara dan hadu bit-tow truck. Kienu ftehmu li dakinhar filghaxija l-konvenut kellu jmur ihallsu l-bilanc ta' erbat elef u hames mitt Lira (Lm4500) u dakinhar stess hu tah il-log book iffirmat biex ikun jista' jmur jaghmel it-transfer. Jiftakar li fit-tmienja w nofs ta' filghaxija dakinhar stess, il-konvenut kien cempillu ghax ried imur ihallsu , izda hu kien qallu biex imur 'l ghada. Pero' l-ghada l-konvenut ma marx u wara li kienu ghaddew xi sitt xhur hu talbu biex ihallsu u l-konvenut beda jgiblu hafna skuzi li ma kellux flus, izda wara xi zmien tah tliet mitt Lira (Lm300). Jghid li hu baqa' dejjem jitolbu l-flus u l-konvenut dejjem kien jghidlu li kellu jigbor xi flus minghand il-Perit Emanuel Zammit tar-Rockcut Limited. Allura hu (x-xhud) kien cempel lil dan il-perit u qallu biex ifittex ihallas lill-konvenut sabiex dan ikun jista' jhallas lilu. Jghid li dan il-Perit kien qallu "jiena ma nidholx bejnietkom, izda nara x'nista' naghmillek", u fil-fatt l-ghada Raphel Buttigieg kien hallsu s-somma ta' elf u seba' mitt Lira (Lm1700) biex kien fadal bilanc ta' elfejn u hames mitt Lira (Lm2500), liema ammont saret il-kawza dwaru.

Zied li hu baqa' jsus wara l-konvenut ghall-hlas pero' dan baqa' jghidlu biex jissaportih. Izda darba ddecieda li jmur id-dar tal-konvenut u dan rega' qallu l-istess ghaliex il-gimgha ta' wara kien se jehilsu, izda meta hu kien qallu li ma kienx lest jistenna izjed il-konvenut wiegbu "le ma rridx inhallsek", u minn hemm spiccat il-hbiberija ta' bejniethom. Kien ghalhekk li kellu jirrikorri ghall-proceduri gudizzjarji.

Illi fl-affidavit tieghu **William Grech** (a fol. 15) jghid li kien jahdem bhala panel beater mal garage "Willy Garage" gewwa Triq il-Madaffa, Zabbar. Huwa jghid li xi sentejn ilu

kien mar ghandu Raphael Buttigieg miz-Zejtun fejn kien qallu li kien jaf b'vettura Mitsubishi Pajero li kellha daqqa u xtaqu jmur jarah biex forsi jixtrih, u barra minn hekk kien talbu stima tat-tiswijiet li kien hemm bzonn. Ghalhekk huwa kien mar ma' Buttigieg ghand Anthony Montebello gewwa Marsaxlokk biex jaraw il-Pajero, li kienet proprjeta' ta' Anthony Montebello. Ikkonferma li biex mar ghand Montebello kien mar ghalih u wasslu Raphael Buttigieg. Huwa hareg stima tat-tiswijiet fis-somma ta' erba' mija w hamsin Lira (Lm450).
Fis-seduta tad-disgha ta' Marzu 2010 xehed in kontro-ezami **William Grech** (a fol. 36 et seq.) fejn ewwel nett ikkonferma li kien irrilaxxja affidavit. Mistoqsi jekk jafx lil Raphael Buttigieg huwa stqarr li jafu. Iddikjara li fil-fatt huwa mechanic u ftakar li Buttigieg kien mar ghalih il-garaxx tieghu u talbu jmur mieghu biex jara Mitsubishi Pajero go Marsaxlokk. Jghid li dan il-Pajero kien gol-ghalqa ta' Montebello li gharfu prezenti fl-Awla. Ftakar li l-vettura kellha daqqa fil-genb u quddiem u diversi daqqiet ghalkemm ma jiftakarx ezatt x'kellha. Kien ta stima tat-tiswijiet lil Buttigieg fl-ammont ta' erba' mija w hamsin Lira (Lm450) li kienet tkopri biss ix-xoghol t'idu eskluz il-parts u l-ispray. Ikkonferma li lil Buttigieg kien semmielu li l-ispray kien se jiswieh bejn sitt mija w hamsin (Lm650) u seba' mitt Lira (Lm700). Ikkonferma wkoll li ra x-chassis u qal li dan kien fih qarsa zghira fuq in-naha tal-passigier fuq quddiem, u zied li lil Buttigieg kien gibidlu l-attenzjoni dwarha, pero' ma jiftakarx jekk kienx tah parir jixtri l-vettura jew le. Sostna li peress li ghaddew xi hames snin ma jiftakarx jekk kienx qallu kliem fis-sens li l-vettura ma kinitx tghodd ghalih.

Semghet lil **Frank Tonna** jixhed nhar il-Hamis erbatax ta' Jannar 2010 (a fol. 24 et seq.) fejn qal li llum huwa pensjonant pero' sa hames snin ilu kien *car dealer* u anke jbiegh l-ispare parts, fejn kien jopera minn garaxx go Hal-Qormi maghruf bhala Frankit Limited, ta' Mill Street, Qormi. Ftakar li kien mar ghandu l-konvenut u talbu numru ta' parts ghal Pajero. Min-naha tieghu huwa kien staqsieh il-Pajero x'mudell kien u sussegwentement kien mar mieghu biex jarah. Jaf li l-Pajero kien go garaxx fiz-

Zejtun u li kellu daqqa kbira tant li anke x-chassis kien mghawweg. Imbaghad kien qallu li kellu parts ghalih u tah stima taghhom, fejn fil-fehma tieghu kellu spejjez ta' madwar elfejn Lira Maltin (Lm2000). Baqghu li l-konvenut kellu jerga' jkellmu, pero' ma regax mar.

Mistoqsi kemm ilu b'dan in-negozju, x-xhud wiegeb li kien ilu hamsa w erbghin sena u kien ibiegh anke karozzi *second-hand*. Qal li Pajero ta' dak it-tip, dak iz-zmien kellha valur ta' bejn hamsa w sitt elef Lira jekk tkun f'kundizzjoni tajba. Ikkonferma li hu kien mistoqsi ghal parts imitation jew uzati, jigifieri mhux godda, pero' cahad li l-konvenut kien offra li jbieghlu l-vettura u zied li ghalih ma kellhiex valur, tant hu hekk li lanqas il-log book ma kien ra ghaliex ma kellux ghalfejn. Jghid li kien mar semplicement biex jixtri l-ispare parts, u lanqas biss qallu ta' min kienet il-vettura.

Seduta stante nhar l-erbatax ta' Jannar, 2010, il-konvenut ipprezenta l-affidavit tal-**Perit Emanuel Zammit** u ghadda kopja lil kontroparti. Fl-affidavit tieghu il-Perit Zammit jiddikjara li huwa direttur tal-kumpanija Rockcut Limited. Jghid li l-Avukat tal-konvenut qralu dik il-parti tal-affidavit ta' Anthony Montebello fejn dan semma li kien cempillu (lix-xhud) biex jghidlu jhallas lil Rafel Buttigieg (li dak iz-zmien kien impjegat mieghu) sabiex dan imbaghad ikun jista'jhallsu. Semma wkoll il-parti fejn Montebello jghid li l-ghada ta' din it-telefonata, Buttigieg kien hallsu (lil Montebello) s-somma ta' elf u seba' mitt Lira (Lm1700).

Sussegwentement ghadda biex jikkonferma l-fatt li Montebello tassew kien cempillu u li hu min-naha tieghu kien irrispondih li ma riedx jindahal bejniethom. Fil-fatt li huwa lanqas biss semma xejn lil Rafel Buttigieg. La dwar it-telefonata ta' Montebello u lanqas dwar il-kwistjoni li kien semmielu. Cahad dak li allega Montebello li hu kien ghadda xi flus lil Buttigieg biex ikun jista' jhallas lil Montebello, anzi zied li dak iz-zmien lil Rafel Buttigieg kien itih biss il-paga.

Dakinhar tas-seduta tad-disgha ta' Marzu, 2010 **il-konvenut** ipprezenta affidavit tieghu stess (a fol. 31 et seq.) fejn jibda billi jghid illi lil Anthony Montebello kien ilu jafu u dak iz-zmien kienu hbieb. Jghid li darba kien hdejn Montebello gol-ghalqa li dan ghandu go Delimara u dan kien urieh Pajero li kien ghad kif kellu accident bih, u kien staqsieh jekk kienx interessat jixtrih. Il-konvenut jghid li hu kien wiegbu li dan kien jiddependi fuq kemm kien se jitolbu tieghu u li l-attur kien qallu li kien qed jistenna l-flus minghand tal-insurance peress li l-karozza kienet total loss u li skond kemm kienu se jtuh tal-insurance kien jitolbu taghha. Wara xi zmien kien ikkuntattjah u talbu hamest elef u hames mitt Lira (Lm5,500). Ix-xhud jghid li kien wiegbu li b'dak il-prezz ma kinitx tghodd ghalih ghaliex kien gholi wisq ghall-kundizzjoni li kienet fiha. Izid li Montebello baqa' jippressah u jghidlu li l-hsara setghet titranga b'elf u hames mitt Lira (Lm1500).

Allura hu (x-xhud) mar ghand tellar, certu William Grech go Haz-Zabbar, u dan mar mieghu biex jara l-Pajero. Dan meta raha kien qallu li ta' jdejh biss ried erba' mija w hamsin lira (Lm450) u li ghandu bejn sitt mija w hamsin (Lm650) u seba' mitt Lira (Lm700) ghall-ispray. Barra minn hekk kien qallu wkoll li ma kinitx tghodd ghalih ghax kellha x-chassis jew maqrus jew milqut.

Kien mar ukoll ghand Frank Tonna tal-Frankit Garage, biex jiehu stima tal-parts, u dan kien qallu li kellu madwar elfejn Lira Maltin (Lm2000) ghal body parts barra parts ohrajn bhal grid u fanali. Ix-xhud jghid li meta kien semma ma' Tonna l-prezz li kien talbu Montebello dan kien qallu *"allura dik ma tghoddx ghalik ghax ser tigik hafna spejjez"*, anzi dan kien qallu wkoll li b'dak il-prezz kien isib vettura li kemm titla' fiha, tistartjaha u titlaq. Allura hu sema' minnu u beda jdur id-dealers.

Spjega li huwa xtaq jixtri vettura ghal ibnu li kien ghadu kif gab il-licenzja. Jghid li kien mar ghand ir-Regina Autodealer u sablu Pajero li kienet tiswa xi sitt elef (Lm6000) jew sitt elef u hames mitt Lira (Lm6500). Mar ukoll ghand l-Easysell ta' Hal-Qormi li kellu wahda xi sitt elef u tmien mitt Lira (Lm6800). Jghid li xi jumejn wara

kien ghaddej mill-Bypass tal-Imriehel u ra Pajero mmarkat ghal bejn fuq il-windscreen. Kien ftiehem ma' sidha, certu Ronnie Mallia, u mar jaraha, u wara xi negozjar ftehmu fuq il-prezz ta' sitt elef u hames mitt Lira (Lm6500), barra mitejn Lira (Lm200) ohra tal-istereo li kien fiha. Ghalhekk b'kollox swietu sitt elef u seba' mitt Lira (Lm6700) li parti minnhom kellhom jithallsu lil HSBC, kif jidher minn koja ta' bank draft esebita u mmarkata bhala Dok. RB1, datat 22 ta' Settembru 2006, fl-ammont ta' hamest elef u seba' mitt Lira (Lm5700), bid-differenza tithallas cash direttament lil Ronnie Mallia. Esebixxa wkoll kopja tal-logbook (Dok. RB2) li juri meta sar it-transfer ghal fuqu, cioe' fid-29 ta' Settembru 2006. Hawn spjega li peress li t-tifel tieghu kien ghadu zghir, it-transfer sar f'ismu ghal skopijiet tal-insurance. Sussegwentement kien informa lil Montebello li kien sab u xtara Pajero ghat-tifel.

In segwitu jghid li xi hames jew sitt gimghat wara kien cempillu Montebello u saqsieh jekk kien se jiehu l-Pajero tieghu, pero' hu kien wiegbu li peress li kien xtara ma kellux bzonnha. Jghid li sadanittant, il-Pajero ta' Montebello kienet go garage hdejn il-kamra ta' Delimara, u xi ftit jiem wara Montebello kien rega' cempillu w qallu li kien se jaghti l-konkos fl-art ta' dan il-garage u talbu biex jaghmillu pjacir u jnehhihielu ftit ha jkun jista' jaghmel dan. Gimgha wara rega' cempillu biex javzah li l-Pajero kien baghthielu hdejn il-garage li hu (x-xhud) ghandu fiz-Zejtun fi Triq il-Vitmmi tal-Gwerra, allura hu mar hemm u sab lil wiehed tat-tow truck jistennieh bil-Pajero. Zied li dan tat-tow truck kien qallu li wassallu l-Pajero u li hu wiegbu li ma kellux bzonnha, imma dan beda jinsisti li jithallas u allura hu kellu jtih ghoxrin Lira (Lm20).

Jghid li wara kien mar isib lil Montebello u qallu li barra li bil-prezz li talbu ma kinitx tghodd ghalih, kien diga' xtara Pajero ohra, pero' dan baqa' jinsisti mieghu biex izommha u ssuggerielu li l-flus itihomlu konkos. Ix-xhud jghid li hu ma setax ipartatlu bil-konkos ghax is-socjeta' Rockcut Limited ma kinitx tieghu. Spjega li sa dak iz-zmien huwa kien ghadu biss impjegat ma'din il-kumpanija, u huwa llum li qieghed bi shab fiha. Kompla li mbaghad id-diskors waqa' fuq il-lanca li ghandu Montebello u li ma kienx

hareg biha ghat-tonn peress li ma kellux flus biex ihallsilha l-licenzja u li mart Montebello kienet ghamlitlu sekwestru, u li kien issikkat ghall-flus. Imbaghad, skond hu, Montebello kien rega' qabadhielu fuq il-Pajero, w allura hu kien qallu li jekk itihielu b'elfejn Lira (Lm2000) kien johodha, altrimenti ma kiex interessat. Ix-xhud ikompli jghid li kien anke ppropona lil Montebello li jekk ma riedx itih il-Pajero b'dan il-prezz, l-elfejn Lira (Lm2000) jtihomlu xorta bhala cash f'idejh bhala self, bil-patt pero' li jirrifondihomlu. Dwar il-konkos ghall-valur ta' hames mitt Lira (Lm500) li semma Montebello, jghid li dan m'ghandu x'jaqsam xejn mal-kwistjoni tal-Pajero u jzid li Montebello kien kultant zmien jitolbu ftit jardi konkos u hu kien jibaghthomlu. Ikkonferma li tah il-konkos, ghalhekk ma jafx jekk mhux b'hames mitt Lira (Lm500), u li tieghu Montebello baqa' ma hallsux, u rega' sostna li l-konkos m'ghandux x'jaqsam f'din il-kwistjoni. Jikkonferma li fil-kontro-talba tieghu qed jitlob li l-attur ihallsu s-somma ta' elfejn Lira Maltin (Lm2000) li kien silfu, u dan peress li huma ma ftehmux fuq il-prezz tal-Pajero.

Imbaghad jghid li xi tliet gimghat wara, Montebello kien mar ifittxu d-dar u nsista mieghu li jtih il-kumplament tal-flus tal-Pajero, izda hu kien irrispondih li dak li kien qed jghid ma kienx minnu u li meta ried seta' jmur jiehu l-Pajero lura. Jghid li dak il-hin kien hareg it-tifel ghax sema' l-istorbju, u kien widdeb lil Montebello biex ma joqghodx imur jaqla' kwistjonijiet wara biebhom, pero' zied li t-tifel ma kienx jaf x'kien l-argument.

Ikompli jghid li xi zmien wara kienet cemplitlu t-tifla ta' Montebello u talbitu jifthilha l-garaxx peress li kellha persuna nteressata li tixtri l-Pajero, u skond hu dan juri li l-Pajero hu (x-xhud) ma kienx xtraha. Meta fethilha sab li maghha kellha persuna li tahdem bhala tellar u sprayer go Birkirkara, pero' ma jafx x'jismu. Wara li dar il-vettura, dan kien qal lil bint Montebello li ma kinitx tghodd ghalih, u allura telqu.

Wara dan ma gara xejn aktar, salv li rcieva t-tahrika tal-Qorti. Dwar it-telefonata li Montebello jghid li ghamel lil

Perit Emanuel Zammit, il-konvenut jghid li ma jaf xejn, u sar jaf biha waqt il-mori tal-kawza.

In kontro-ezami nhar it-tnejn u ghoxrin ta’ Gunju, 2010, il-konvenut jghid li llum il-gurnata l-Pajero ghadha gol-garaxx tieghu fiz-Zejtun. Mistoqsi jekk qatt ircieva xi ittra legali minghand is-Sur Montebello, wiegeb li ma jidhirluxli rcieva. Cahad dak li ssuggerielu l-avukat difensur tal-attur li hu waqqa’ l-bejgh in kwistjoni ghax sab ahjar. Ikkonferma li l-bejgh qatt ma sar u li l-vettura hu qatt ma xtraha izda waslet ghandu ghax baghthielu sidha. Lanqas ma jaf min kien dak li wassalhielu. Jghid li malli waslet il-vettura ghandu, hu cempel lill-attur u qallu li ma kinitx tghodd ghalih. Spjega li sa dak iz-zmien hu u l-attur kienu ghandhom hbieb hafna u kien ghalhekk li dehrlu li kellu jzommhielu fil-garaxx. Stqarr li bint Montebello kienet marret tara l-vettura ma’ persuna ohra, pero’ cahad li Montebello kien qed jibaghtlu n-nies biex jixtru l-Pajero minghandu, izda sostna li n-nies li kienu jmorru jarawha kienu se jixtruha direttament minghand Montebello.

Spjega li l-istorja ta’ l-elfejn Lira (Lm2000) kienet fis-sens li waqt li kienu qed jitkellmu hu u l-attur, hu kien staqsieh jekk harigx ghat-tonn bid-dghajsa, u Montebello kien stqarr mieghu li ma kellu flus ghall-insurance taghha u ghalhekk hu (x-xhud) silfu elfejn Lira u qallu li jekk kemm-il darba jirrangaw il-kwistjoni ta’ bejniethom dwar il-Pajero setghu inaqqshom mis-somma dovuta. Sostna li l-konkos kien tahulu bhala hbieb u dan kien hafna qabel ma nqalghet il-kwistjoni tal-Pajero, u cahad li l-konkos kienet kwistjoni ta’ pagament akkont fuq il-karozza. Fil-fatt jghid li l-konkos kien tahulu bejn wiehed u iehor xi sena qabel.

Mistoqsi jekk qattx kien mar ghand l-avukat tieghu biex jitlob lill-attur inehhilu l-karozza mill-garaxx, wiegeb fil-posittiv. F’dan l-istadju esebixxa ittra li kien baghat l-avukat tieghu lil Montebello biex inehhi l-karozza minghandu. Din l-ittra hija datata 29 ta’ Novembru 2007 u giet immarkata bhala Dok. Z. Stqarr li ghalkemm hu kien mar ghand l-avukat tieghu wara li kien ircieva ittra minghand Montebello, dan ma kienx ghax hu kien qal lil Montebello li kellu jtih xi flus. Spjega li l-attur kien ghamel

ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A u hu kien irrispondieha, u kien ghalhekk li mbaghad infethet il-kawza odjerna. Qal li huwa minnu li kien hallas lil tat-tow truck li wassal il-karozza ta' Montebello ghandu,w fil-fatt kellu jissellef ghoxrin Lira biex itihomlu. Rega' kkonferma li hu qatt ma xtara l-vettura in kwistjoni.

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jitrattaw il-kawza nhar it-tnejn w ghoxrin ta' Gunju, 2010.

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn, u cioe' qabel ma tidhol u tiddiskuti l-fatti specie tal-kaz in dezamina, din il-Qorti sejra telenka 'n materja ta' provi, r-regoli li ghaliha huma l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku,u dan kif imfisser fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli fl-ismijiet **Christine Xuereb vs Mario Micallef** deciza fis-17 ta' April 2009.

1*." Ibda biex, ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a karigu tal-parti li tallega fatt, l-oneru li ggib il-prova ta' l-esistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sia fuq l-attur, li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sia fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (reus excipieno fit actor).* ***Ara Kollez. Vol. XLVI p 1 p 5.***

*2. Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista ikun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta.' (****Kollezz. Vol. XXXVII p 1 p 577).***

*3. Il-gudikant, adit mill-mertu tal-kaz, hu tenut jiddecidi iuxta alligata et probata, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri minn dawk ic-cirkostanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi li d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir a bazi tar-regola legali tal-gudizzju 'n kwantu timponi fuq il-*

*gudikant, il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat, m'huwiex veru ghax mhux ippruvat.*

*4. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-appezzament tar-rizultanzi probabtorji w allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli w idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali mpost fuqu mill-**Artikolu 218** tal-Kodici t'Organizazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku.*

*5. Skond l-ordni guridiku tar-regoli probatorji, jinkombi lill-attur b'obbligu u fl-ewwel lok li jipprova b'mod adegwat l-allegazzjoni centrali tieghu li l-konvenut huwa debitur tieghu. Sakemm dan ma jghamlux, il-konvenut jibqa' assistit mill-principju li l-piz tal-prova huwa l-ewwel mixhut fuq l-attur. Huwa biss f'kaz illi l-attur ikun irnexxielu, imqar prima facie jistabbilixxi t-tezi tieghu, li mbaghad il-piz tal-prova jissosta ruhu ghal fuq il-konvenut. Kif inghad minn **Phipson on Evidence** 11th Edition, para. 103 'In civil cases the evidential burden may be satisfied by any species of evidence sufficient to raise a prima faccie case.' L-istess awtur jispjega wkoll (op. Cit. para. 91) li rregola'ei qui affirmat non ei qui negat incumbit probatio' is adopted principally because it is but just that he who invokes the aid of the law should be the first to prove his case.'*

Il-Qorti thoss li ghandha tghid kelmtejn dwar l-istitut tal-bejgh u kif dan jigi effettwat. Skond l-**Artikolu 1346 tal-Kap 16** *"il-bejgh huwa kuntratt li bih wahda mill-partijiet tintrabat li taghti xi haga lill-ohra bi prezz li din il-parti l-ohra tintrabat li thallas ghaliha."* Illi ghalhekk din il-Qorti ghandha tara jekk iz-zewg elementi rikjesti ghall-finalizzazzjoni tal-bejgh jezistux, u cioe' jekk kienx hemm ftehim dwar il-prezz tal-vettura in vendita' u jekk kienx hemm accettazzjoni ta' dan il-prezz min-naha tal-venditur.

Ferma din l-introduzzjoni, bla dubbju l-kwistjoni hawn sottomessa hija essenzjalment wahda li tiddependi mill-valur u mill-kredibilta' li trid tinghata lill-provi struttorji hawn migbura. Valutazzjoni din, li necesarjament trid tkun wahda globali fil-kwadru t'investigazzjoni unitarju w organiku.

Illi skond l-attur huwa kien ftiehem mal-konvenut li ibieghlu *wreck* ta' vettura li kellu, pero' fl-ebda hin ma jghid kemm kien il-prezz. Jispjega li huwa kien habib mal-konvenut u fil-fatt kien ftiehem mieghu li jista' jhallsu lura anke permezz ta' konkos. Jghid ukoll li l-konvenut kien effettivament tah is-somma t'elfejn lira Maltin (LM2,000) bhala deposit u in oltre kien tah vjagg konkoss li huwa stima ghall-valur ta' hames mitt Lira Maltin (LM500). B'hekk sa llum il-konvenut gja tah is-somma ta' tlett elef lira Maltin. Oltre dan l-attur qed jitlob f'din il-kawza s-somma ta' hamest elef tmien mija w tlieta w erbghin Ewro u tlieta w ghoxrin centezmu (€5843.23) ekwivalenti ghal elfejn u hames mitt Lira Maltin (LM2,500), b'hekk donnu li huwa kien bi hsiebu jbiegh din il-vettura, jew ahjar *wreck*, ghas-somma ta' hamest elef u hames mitt Lira Maltin (LM5,500). Jirrizulta mill-provi prodotti mill-attur li din il-vettura kienet *beyond economical repair* u sabiex tissewwa u b'hekk terga' tkun f'posizjoni li tinsaq kienu nvoluti hafna spejjez, fosthom circa erba' mija w hamsin Lira (Lm450) labour lil panel beater, elfejn Lira (LM2,000) parts u bejn sitt mija w hamsin u seba' mitt Lira (LM650 u LM700) ghall-ispray, b'kollox zgur li kien hemm bhala spejjez is-somma t'aktar minn tlett elef lira Maltin (LM3,000). B'hekk allura l-vettura li kienet *beyond economical repair* kienet ser tigi tiswa zgur almenu aktar minn tmint elef u hames mitt Lira (LM8,500).

Il-konvenut min-naha tieghu jichad li qatt kien ftiehem mal-attur li jixtri l-vettura, izda kien wera nteress inizjalment ghaliex xtaq jixtri karozza *second hand* ghal ibnu, izda meta dar u mar jitkellem mal-mechanics u panel beaters, u ra wkoll il-prezzijiet ta' dik il-vettura fuq is-suq, induna li ma kinitx *vale la pena* li tinxtara, w ghalhekk ma kkonkludiex in-negozju. Jghid illi huwa minnu li l-attur kien baghtlu l-vettura 'n kwistjoni b'tow truck, u dan

minghajr pre-avviz ta' xejn, u fil-fatt kellu jissellef is-somma t'ghoxrin Ewro sabiex hallas lix-xufier tat-tow truck. Qal ukoll li huwa zamm din il-vettura mhux ghax kien xtraha izda ghaliex peress li kien habib tal-attur kien ser izommhielu fil-garage tieghu. Jghid illi huwa minnu li fil-fatt kien tah is-somma t'elfejn lira Maltin (LM2,000), izda dan kien ghamlu bhala self brevi manu u mhux bhala parti mill-prezz, u in oltre huwa minnu wkoll li kien tah xi konkos pero' mhux ghal dak il-valur imsemmi mill-attur izda b'*amor patria*. In fatti jghid li l-kontro-talba tieghu hija limitata biss ghall-elfejn lira Maltin (Lm2,000) li kien silfu sabiex ihallas xi *insurances* li kellu pendenti fuq id-dghajsa tieghu.

Il-konvenut esebixxa wkoll dokumentazzjoni dwar ix-xiri ta' Pajero li huwa ghamel f'dawk iz-zminijiet, sabiex jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti l-prezzijiet ta' vettura simili f'dawk iz-zminijiet, u cioe' li huwa hallas biss is-somma ta' sitt elef u hames mitt lira Maltin (LM6,500).

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti thoss li x-xhieda moghtija mill-konvenut hija aktar verosimili u ghandha aktar mis-sewwa, w ghalhekk ghandha tigi emmnuta. Il-Qorti ghalhekk tiddeciedi li fir-realta' qatt ma kien hemm bejgh ta' din il-vettura, w ghalhekk illum il-gurnata l-attur m'ghandu jiehu xejn minghand il-konvenut. Filwaqt li thoss li l-attur ghandu jhallas lura lill-konvenut dik is-somma li huwa ssellef minghandu brevi manu fl-ammont t'elfejn lira Maltin (LM2,000).

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tichad it-talba attrici filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u qieghda tilqa' l-kontro-talba tal-konvenut filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-attur ghall-kontro- talba tal-konvenut. Tordna lill-attur ihallas lill-konvenut is-somma ta' erbat elef, sitt mija u tmienja u hamsin Ewro w erbgha w sebghin centezmu (€4658.74) ekwivalenti ghal elfejn Lira Maltin (Lm2,000) flimkien mal-imghax skond il-Ligi**

**Tordna wkoll li l-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu mill-attur.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------